TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 987

KAZ NRU. 1121

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

David Mangion

u

Melita Cable Television Ltd.

dwar tkeccija mill-impieg

allegata li hi ngusta.

Data : 16 ta' Novembru 1998

Chairman : Is-Sur George Borg-Cardona

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru tal-Harsien Socjali b'ittra datata 14 ta' Marzu 1997 b'referenza MHS/TI/17/97 skond il-provvedimenti ta' Artiklu 28 (2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm 15 il seduta.

David Mangion, aktar il-quddiem jissejjah l-"appellant", kien assistit mill-Avukat Ian Spiteri Bailey, waqt li Melita Cable Television Ltd., aktar il-quddiem tissejjah il-"Kumpanija", kienet rapprezentata minn Michelle Dandria u assistita mill-Avukat Philip Manduca.

L-appellant jghid li gie mkecci mill-impieg minghajr ebda raguni valida. Isostni li dejjem ta servizz utli u dehen

lill-Kumpanija u li kieku kellu xi hjiel ta' problemi kien jaghmel hiltu kollha biex isolvihom u jevita tkeccija.

Il-Kumpanija tikkontendi li l-appellant tkecca ghal ragunijiet gusti u legali ghaliex wera nuqqasijiet gravi kemm bhala "Transmission Supervisor" kif ukoll fir-relazzjonijiet professjonali ma l-impjegati. Ghalhekk il-Kumpanija ma kelliex alternattiva hlief li titterminalu l-impieg.

It-Tribunal kellu jezamina z-zewg ragunijiet moghtija mill-Kumpanija ghat-tkeccija - nuqqasijet gravi fid-twettieq tad-dmirijiet tieghu bhala "Transmission Supervisor" kif ukoll f'trattament ta, u f'komunikazzjoni u koperazzjoni ma, mpjegati li kienu jaqghu tahtu.

Mix-xhieda u mid-dokumenti jirrizultaw dawn il-fatti dwar l-allegat nuqqas fid-dmirijiet tal-kariga li jikkoncernaw xoghol :

L-appellant gie mpjegat f'April 1994 u sa Settembru 1996 is-Superjur dirett tieghu kien Joseph Spiteri. Dan fis-snin 1994, 1995 u 1996 ghamel "performance appraisal" fuq l-appellant u fil-formola relevanti f'kull wahda minn dawn is-snin mmarka bhala "Superior" dawk il-kriterji kollha li kellhom x'jaqsmu max-xoghol. F'din il-formola hemm indikat li "Superior" (Score 4) ghandha titqies li l-"overall performance" tal-persuna koncernata teccedi l-livell normali mistenni. Dik ghas-sena 1996 hija ffirmata ukoll mis-Superjur ta' Joseph Spiteri, Michael Kelly, li ftit xhur wara iddecieda li l-appellant ghandu jitkecca.

Fil-formola ghas-sena 1995 hemm imnizzel "David has proved to be an excellent supervisor, and his efforts are evident on the three channels for which he has responsibility. Keep up the good work." F'dik ghas-sena 1996, iffirmata ukoll minn Michael Kelly, hemm imnizzel "David has worked hard to train and motivate his staff resulting in the barest minimum of on air problems. Keep up the good work."

F'kull wahda minn dawn is-snin inghata zieda fis-salarju.

Ma jirrezultax mix-xhieda jew mid-dokumenti li kien hemm xi nuqqasijiet serji fl-operat tat-"Transmission Centre", li ghaliha kien risponsabbli l-appellant, li effetwaw hazin l-andament tal-Kumpanija jew s-servizz specifiku li kellu jipprovdi dan ic-centru. Fil-fatt jirrezulta li sa Ottubru 1996 is-Superjuri ta' l-appellant kienu sodisfatti hafna mis-servizz li kien qed jinghata mic-centru.

Meta Michelle Dandria saret is-Superjur dirett ta' l-appellant minflok Joseph Spiteri din deherilha li ghandhom isiru xi tibdiliet amministrattivi (fl-opinjoni taghha titjib) partikolarment fis-sistemi ta' filing u records. Ma jirrezultax li l-appellant ma mexiex skond struzzjonijiet f'dan ir-rigward jew b'xi mod irrezistihom. L-anqas li qie xi darba mwissi ghal xi nuqqas dwar dan.

Dwar nuqqasijiet f'komunikazzjoni u koperazzjoni ma mpjegati li kienu jaqghu tahtu u trattament taghhom jirrezultaw dawn il-fatti mix-xhieda u d-dokumenti :

Fil-"Performance Appraisal" ghas-snin 1994, 1995 u 1996 l-appellant qie certifikat bhala Superior (Score 4) dwar

koperazzjoni kif ukoll dwar relazzjonijiet ma ta' fuqu, dawk egwali u ta' tahtu. Dan ifisser aqwa minn livell normali. Fil-formoli relattivi ma ssirx stima dwar komunikazzjoni izda fir-rimarki generali ma hemm xejn dwar xi nuqqas f'dan ir-rigward jew f'xi haqa ohra. F'dik tal-1996 hemm rimarka li hadem hafna biex jghallem u jimmotiva l-impjegati ta' tahtu. Wahda mir-ragunijiet principali li qabet il-Kumpanija ghat-tkeccija ta' l-appellant kienet li kien jahqar l-impjegati ta' tahtu b'"bullying" sistematiku u anke jumiljhom. Barra x-xhieda ta' l-operators qew prezentati zewq dokumenti dwar din l-allegazzjoni. Wahda nota (Dok. D.M. I), minghajr data u mhix iffirmata, lill-Michelle Dandria li fiha hemm numru ta' akkuzi dwar l-imgieba ta' l-appellant u l-ohra ittra bid-data 3 ta' Marzu 1997 (Dok P.M.I) iffirmata mill-operator Mark Kevin Borg li fiha jiqu ripetuti l-bicca l-kbira ta' l-akkuzi li kienu elenkati fin-nota msemmija hawn fuq. Din l-ittra kienet qiet iffirmata aktar tard minn operators ohrajn fuq talba ta' Michelle Dandria.

Michelle Dandria kienet qiet nfurmata bil-kontenut tan-nota b'fax minghand l-appellant stess f'Dicembru 1996 u xehed li kienet qaltlu ma jinkwetax "You have nothing to worry about because it is nothing and don't let it worry you". Michelle Dandria xehedet li qaltlu "I told him that they were pretty serious accusations" izda ukoll li qaltlu "Don't worry" peress illi kien fi stat eccitat hafna "---- he was in a state ---".

L-ittra tat-3 ta' Marzu kienet qiet prezentata lil Michelle

Dandria minn Mark Kevin Borg flimkien mar-rizenja tieghu. Hu kien intalab jirrizenja wara li kien gie sospiz fuq rapport fejn gie allegat li kien hemm possibilta li jintroduci virus fis-sistema. L-appellant kien irrapporta dan il-kaz wara li gie nfurmat bih minn operator iehor. Mark Kevin Borg fix-xhieda tieghu jattribwixxi r-rizenja li gie mitlub jaghti ghal rapporti mhux gustifikati li ghamel l-appellant.

Gie stabbilit li fl-1996 kien zdiet hafna x-xoghol u kien hemm pressjoni fuq l-appellant u l-operators. Ghalhekk meta saret risponsabbli ghat-"Transmission Centre" Michelle Dandria setgha kien hemm htiega ghal aktar dixxiplina. Jista jkun li certi mizuri ma ntlaqghux tajjeb mill-operators u deher l-aktar ikrah l-appellant li kellu jimplimenthom. Karl Camilleri xehed li t-tensjoni bdiet meta t-"Transmission Centre" ghadda minn taht it-Technical Department ghal taht dak tal-Programming. Ukoll li meta tkellem ma l-appellant dwar din il-problema kien qallu li jircievi ordnijiet minn banda ohra.

Dwar mohqrija w umiljazzjoni tan-nies ta' tahtu, Mark Kevin Borg kien l-aktar wiehed mill-operators li ghamel akkuzi kontra l-appellant. L-izjed serji ghamilhom dwar Karl Camilleri izda dan fix-xhieda tieghu semma xi affarjiet li dejquh izda ma pingihomx daqstant gravi u qal li l-anqas ma talab lil-appellant biex ma jaghmilhomx jew ghamel xi rapport lil xi superjur biex dawn ma jkomplux. Ghamel ukoll rimarki pozittivi dwar ghajnuna li kien itih l-appellant fuq ix-xoghol.

It-Tribunal wara li kkunsidra x-xhieda u d-dokumenti wasal ghal dawn il-konkluzjonijiet :

1. L-Kumpanija agixxiet fuq rapport ta' impjegat li attribwixxa t-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu lill-appellant ;

2. L-akkuzi li saru f'dan ir-rapport fis-sostanza kienu maghrufa mill-Kumpanija xhur qabel u ngiebu ghall-attenzjoni tas-superjur tieghu mill-appellant stess ;

3. Is-superjur, Michelle Dandria, ghalkemm xehedet li kkunsidrat l-akkuzi serji, dak iz-zmien ma haditx passi fuqhom. L-anqas ma wissiet l-appellant, verbalment jew bil-miktub, fuq l-allegat agir inkorrett jew biex jibdel l-attitudni tieghu ;

4. L-appellant qal li din kienet qaltlu li mghandux ghalfejn jikwieta u li kieku ingibditlu l-attenzjoni ghal xi nuqqas kien jaghmel hiltu biex jirrangah ;

5. L-appellant konsistement sarulu rapporti superjuri kemm fuq il-kwalita tax-xoghol kif ukoll fuq relazzjonijiet ma superjuri, kollegi u subordinati ;

6. L-appellant lejn l-ahhar ta' Frar 1997 kien infurmat li se jintbaghat fuq seminar f'nofs Marzu 1997, mbaghad tkecca ftit granet qabel ;

7. L-appellant ma nghata ebda warning verbali jew bil-miktub dwar xi nuqqas qabel ma tkecca.

8. Minkejja nuqqasijiet, li issa l-Kumpanija qed tghid li kienu gravi hafna, ipprovat issiblu post alternattiv fiha stess.

It-Tribunal ikkunsidra li l-appellant kellu xi nuqqasijiet fil-mod kif kien jittratta ma l-impjegati ta' tahtu u jmissu kien aktar korrett fir-relazzjonijiet maghhom. Izda ma jidhirlux li dawn in-nuqqasijiet kienu ta' gravita li jimmeritaw tkeccija specjalment meta l-appellant qatt ma gie mwissi biex jikkoregihom.

Dan it-Tribunal iqisha haga sagrosanta li mpiegat qabel ma jitkecca ghandu jinghata kull opportunita li jiddefendi ruhu. Kemm il-darba ghamel enfasi fuq dan il-punt kif ukoll li tkeccija ghanda ssir biss ghal ragunijiet serji u li jiggustifikaw din il-piena estrema.

Ir-raguni li gabet il-Kumpanija li l-appellant kien ta l-gustifikazzjoni tieghu ghall-akkuzi xhur qabel ma hix accettabli. L-ewwel nett ghaliex jidher li dak iz-zmien kienet accettata u b'ebda mod l-appellant ma gie nfurmat ghall-kuntrarju kif ukoll ghax kienu qalulu biex ma jinkwetax. Izda anke minghajr dawn il-fatturi l-gustizzja kienet tirrikjedi li tinstema l-verzjoni tieghu u jinghata opportunita xierqa biex jiddefendi ruhu. It-Tribunal ma jista qatt jaccetta li ssir tkeccija wara li jinstema min jaghmel akkuza u l-impjegat koncernat ma jinghata ebda opportunita li jirrebati l-akkuzi li jkunu saru. F'dan ir-rigward l-Kumpanija naqset serjament.

Ghal dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal jsib li t-tkeccija ma saritx ghal raguni gusta u sufficienti skond il-ligi kemm fuq il-mertu kif ukoll, u partikolarment, ghaliex

l-appellant ma nghatax opportunita xierqa biex jiddefendi ruhu.

Ghalhekk it-Tribunal jiddeciedi li l-Kumpanija ghanda thallas lill-appellant is-somma ta' Lm 5400 (hamest elef u erba' mitt lira Maltin) bhala kumpens. L-ammont ta' Lm 3000 (tlett elef lira Maltin) ghandu jithallas mhux aktar tard mil-15 ta' Dicembru 1998 u l-bilanc ta' Lm 2400 (elfejn u erba' mitt lira Maltin) mhux aktar tard mil-15 ta' Frar 1999.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali Numru 48 ta' l-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' Lm 40 (erbghin lira Maltin).

B'hekk itemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

George Borg-Cardona
CHAIRMAN

George Attard
SEGRETARJU